**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 14/01**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Stephen Micallef)**

**vs**

**Spiridione Mifsud ta' 39 sena, iben**
**Joseph u Dolores nee Caruana, mwieled**
**Zejtun, fl-24 ta' Ottubru, 1961, u residenti**
**60, Dun Mikiel Cassar Street, Zejtun,**
**detentur tal-karta ta' l-identita'**
**numru 706261 (M).**

**Illum 22 ta' Mejju, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Spiridione Mifsud li gie akkuzat talli fit-2 ta' Novembru, 2000 fiz-Zejtun uza vjolenza fuq Anna Attard u John Attard miz-Zejtun sabiex igieghlhom jaghmlu xihaga, bi ksur tal-artiklu 251(1), (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll heddidhom bil-fomm, kemm jekk b'ordni jew kundizzjoni sabiex jestorci s-somma ta' Lm 120 minghandhom bi ksur tal-artiklu 249 (2) tal-Kap 9 u talli fl-istess data, hin, u lok bi hsara tas-sid jew tad-detentur tal-fond 15, School Street, Zejtun, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta' taghhom bi ksur ta' l-art 340(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Semghet li fis-seduta tal-llum 22 ta' Mejju, 2002 irregistra l-ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat illi in vista ta' l-ammissjoni ta' l-akkuzat, wara anke li l-Qorti tatu d-debita zmien biex jahseb fuq l-istess, qed issibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u dan wara li rat l-art 251(1)(2), 249(2), 340(d) u 17 tal-Kap 9. Dwar il-piena, in vista ta' l-ammissjoni bikrija tieghu qeghda tapplika l-art 9 tal-Kap 152 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-llum. Twiddeb ukoll lil Mifsud Spiridione dwar l-imgieba tieghu u li sal-llum ibbenefika bizzejjed mill-provedimenti tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-artiklu 383, semghet li llum John Attard miet fil-mori ta' din il-kawza u tobbliga lil Spiridione Mifsud ghal tnax-il xahar mil-llum b'oggligazzjoni tieghu nnifsu ta' Lm 100 li ma jersaqx, jivversa jew b'xi mod idejjaq lil Anna Attard.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.